**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru, 2016**

Kawza Numru: 36/2016JB

Numru: 68

**Go plc (C22334)**

**vs**

**Wayne Chetcuti (K.I.: 306001L)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-2 ta' Frar 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u erbgha u tmenin euro u sbatax-il centezmu (€684.17) liema somma tirraprezenta drittijiet dovuti lis-Socjeta Attrici in konnessjoni ma' servizzi u prodotti relatati ma' telekomunikazzjoni;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li ghad li gie debitament notifikata bl-atti, il-Konvenut naqset milli tipprezenta risposta;

Ra li ghad li t-Talba kienet appuntata ghas-seduta tal-lum, deheru biss rapprezentanti tas-Socjeta Attrici u t-talba giet konfermata bil-gurament;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali. Inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi

espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut – ghad li debitament notifikat – ma kkontestax il-kawza. Mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €684.17 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mit-18 ta' Lulju 2016, data meta l-Konvenut jitqies li gie notifikat bl-atti tal-kawza. L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*